MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Numru 484/2006

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Mario Haber, Sandro Zarb, Ramon Mercieca)**

**vs**

**Ali Mohammed Hassan ta' 36 sena, nazzjonalita' Libjana, bin Ali u Magbula, imwieled Benghazi nhar is-27 ta' Settembru 1969, residenti Ta' Kandja, bla passaport, maghruf bin-numru ta' identifikazzjoni ta' l-Immigrazzjoni 06 AC 18;**

**Ramsi Mohammed Delberi ta' 20 sena, ta' nazzjonalita' Iraqqina, bin Mohammed u Aziza, imwieled Gasrin fis-sena 1986, residenti Lyster Barracks Hal Far, bla passaport, maghruf bin-numru ta' identifikazzjoni ta' l-Immigrazzjoni 05 RR 16;**

**Suleiman Darman Gaser ta' 27 sena, nazzjonalita' Iraqqina, bin Suleiman u Darman Sabri, imwieled Basra nhar id-9 ta' Settembru 1978, residenti Lyster**

**Barracks, Hal Far, bla passaport, maghruf bin-numru ta' identifikazzjoni ta' l-Immigrazzjoni 05 RR 14.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati, akkuzati, talli:

1. nhar id-19 ta' Mejju 2006 ghal habta ta' nofs in-nhar, gewwa l-Isptar Monte Carmeli, sitwat gewwa Attard, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500) imma tiskorri l-hamsin lira (Lm50);
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun ghamel jew li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuh jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr ma darbu jew sawwtu, heddew bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddbu jew qabdu armi ohra kontra diversi persuni;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi pubblikament xewwxu persuni ohra sabiex jaghmlu reat;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita', jew wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhx jew fixxkluh waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor bla jedd, indahlu fi dmiru billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi ikun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellhom f'idejhom jew fuqhom, sikkina ta' kull xorta li tkun, b'xaffra bil-ponta jew strument iehor, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

8. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellfu jew inaqqsu l-gieh tal-Pulizija presenti, weggahom bi kliem, b'gesti, kitba, b'disinni jew b'xi mod iehor;
9. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu lil Pulizija presenti ingurji u theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici;
10. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem indecenti u oxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;
11. kontra l-imputat Mohammed Hassan wahdu: talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D, nhar l-10 ta' Mejju 2006.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali taht liema dehrlu li l-imputati setghew jigu misjuba hatja u ghalhekk baghat l-atti tal-kumpilazzjoni lil din il-Qorti sabiex tiggudika lill-imputati dwar il-htija jew nuqqas taghha ai termini ta' l-artikoli minnu citati; dan wara li tkun semghet il-provi li kien fadal;

Rat il-verbal ta' din il-Qorti, differentement preseduta, fejn gie nominat t-tabib Dr Mario Scerri sabiex jezamina kif ukoll jiffotografa lill-imputati;

Rat r-relazzjoni debitament ikkonfermata tal-abbli tabib;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali jippotizzaw l-offizi segwenti:

- il-hsara volontarja taht l-Artikolu 325 tal-Kap 9;

- l-ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici jew offizi fuq il-persuna taghhom taht l-Artikolu 95 tal-Kap 9;
- l-ingurji previsti fl-Artikolu 252 tal-Kap 9;
- t-tixwix kontra l-ligi ta' gemgha ta' nies f'numru ta' ghaxra jew aktar taht l-Artikolu 68 tal-Kap 9;
- zamma ta' sikkina fl-idejn jew fuq il-persuna taghhom – Artikolu 13, 19 tal-Kap 66;
- bl-offizi kontravenzjonali rigward:
- t-theddid jew l-att innifsu ta' twaddib ta' hwejjeg iebsin jew il-qbid ta' armi minghajr ma jidorbu jew jisawwtu n-nies (artikolu 339(1)(b) – Kap 9);
- l-ksur volontarju tal-bon ordni u l-paci pubblika (artikolu 338dd – Kap 9);
- n-nuqqas ta' ubbidjenza ghall-ordnijiet legittimi (artikolu 338ee – Kap 9);
- il-kliem oxxen jew indecenti jew imgieba ohra li toffendi l-morali jew id-decenza pubblika (artikolu 338bb, 342 – Kap 9);
- bil-ksur tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Illi mill-provi l-fatti li taw lok ghall-akkuzi odjerni jirrisultaw li sehhew l-Isptar Monte Carmeli fejn jirrisulta kienu qeghdin mizmuma l-imputati, immigranti pprojbiti, flimkien ma ohrajn ukoll immigranti pprojbiti. Minhabba l-konsistenza tal-irvellijiet inhas il-bzonn li tissejjah l-iskwadra maghrufa bhala 'Special Assignment' biex tikkontrolla s-sitwazzjoni. Issa li graw l-irvellijiet hu fatt inkontestat u l-kawza ma tittrattax dwar jekk kienux gustifikati l-protesti li iddigeneraw f'sitwazzjoni li bil-fors kien mehtieg l-intervent tal-pulizija sabiex jissedawha.

Fir-rigward l-akkuzi jirrizulta kif isegwi:

i l-imputati ghandhom jigu misjuba hatja li, flimkien ma ohrajn, ikkawzaw danni volontarji fil-kwartieri li fihom kienu detenuti liema danni kienu ta' izjed minn Lm50 izda anqas minn Lm500;

ii. l-imputati ghandhom ukoll jigu misjuba hatja ta' ingurji u theddid fil-konfront tal-pulizija, persuni inkarigati skond

il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz;

iii. l-imputati m'ghandhomx jigu misjuba hatja ta' l-ingurji previsti fl-Artikolu 252 tal-Kap 9 billi mill-fatti r-reat taht dan l-Artikolu ma jissusistix;

iv. l-imputati wkoll m'ghandhomx jinstabu hatja tat-tixwixx taht l-Artikolu 68 billi l-provi ma jikkonducux ghac-certezza ta' minn fost l-imputati effettivament xewwex;

v. dwar l-akkuza taht l-Artikolu 13 tal-Kap 66 jinsab pruvat li l-imputati Ramsi u Suleiman kellhom xafra, tat-tip li tintuza sabiex titqaxxar il-lehja, fuq il-persuna taghhom. Jinsab eskluz li xi xafra intuzat fuq xi membru tal-korp tal-Pulizija jew li xi pulizija gie mhedded permezz ta' xi wahda mix-xfafar li kienu disponibbli ghal kull detenut. Ir-ritratti fir-relazzjoni tal-espert mediku nominat juru elokwentement li z-zewg imputati uzaw ix-xafra fuq il-persuna taghhom. Ghalkemm xafra hi 'strument' din il-Qorti ma tikkwalifikajiex bhala 'strument bil-ponta' kif jissemma fl-artikolu in kwistjoni. Kwindi mhiex qeghdha tirriskontra ebda htija fuq din l-akkuza;

vi. fir-rigward l-offizi kontravenzjonali dawn lkoll jirrisultaw kontra kull wiehed mill-imputati. Ghal finijiet ta' piena pero' huma biss dawk imsemmija fl-Artikolu 338 (bb)(ee) u (dd) li ser jigu kkunsidrati billi l-offizi kontravenzjonali l-ohra jinsabu assorbiti.

Illi fir-rigward l-akkuza "fl-artikolu 22 tal-Kap 446" imsemmija mill-Avukat Generali u diretta fil-konfront tal-imputati kollha din l-Qorti mhiex qeghdha tirriskontra ebda ksur ta' dan l-artikolu minn hadd mill-imputati.

Illi qabel ma tghaddi ghal piena, l-Qorti qeghdha taghmel din ir-riflessjoni u cioe' li fil-waqt li ghandu jkun car li l-Pulizija zammet entro l-limiti tar-ragonevolezza ghal dak li hi forza uzata. Hu izda preokkupanti li s-sitwazzjoni ma intgharfitx tigi diffuza fil-bidu taghha.

Ghal dik li hi piena l-Qorti qeghda issib l-imputati hatja:

i. bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 talli volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, liema hsara tiskorri l-Lm50 izda hi inqas minn Lm500;

ii. bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 talli ingurjaw u heddew membri tal-korp tal-Pulizija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz;

iii. bi ksur tal-Artikolu 338(bb)(dd)(ee) jigifieri talli fil-pubbliku qalu xi kliem oxxen jew indecenti jew ghamlu atti jew gesti oxxeni jew offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija;

iv. tiddikjara l-offizi kontravenzjonali dedotti taht l-Artikolu 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kap 9 bhala assorbiti;

v. tilliberahom mill-bqija.

Rat l-artikoli fuq citati u l-artikolu 342, 17 u 31 tal-Kap 9 u tikkundannhom disa xhur habs kull wiehed li minnhom ghandu jitnaqqas fil-konfront ta’ kull wiehed mill-imputati l-perjodu li gja ghamlu taht arrest preventiv.

Rat l-Artikolu 533 citat mill-Avukat Generali u tikkundanna l-imputati solidalment li ihallsu l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-espert mediku fis-somma ta’ Lm184 zmien xahar li jigu notifikati mir-Registratur ta’ dawn il-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------